MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2012

Numru. 483/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**JOHAR HABIB**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHAR HABIB,** imwieled Eritrea fl-1 ta' Jannar 1985, iben Habib u Jamila, immigration number 08JJ-049, residenti f'indirizz mhux maghruf gewwa l-Imsida gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

F' Novembru 2011, u fix-xhur ta' wara, f'Malta, imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' formola bid-dettalji ta' l-imputat u notifikazzjoni tat-transfer tal-imputat ghal Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma jitkellimx u ma jifhimx la l-lingwa Maltija u lanqas il-lingwa Ingliza. Ghaldaqstant, il-Qorti nnominat lill-Josephine Leguesse sabiex taghmilha ta' interpretu mill-lingwa Maltija ghall-Emeriku u vici versa.

Semghet lill-imputat jiddikjara li fehem l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tramie it-traduzzjoni mghamula lilu mill-interpretu .

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2012, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li l-mara ta' l-imputat tinsab in Norvegja u ghalhekk hija qed taghmel minn kollox sabiex tipprova tirrikoncilja il-konjugi flimkien.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat JOHAR HABIB hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal**

**sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta’ l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------